MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Numru 251/2009

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**v.**

***… omissis …***
**Amanda Camilleri”**

Il-Qorti,

**1.** Rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Chantal Avellino tal-1 ta’ Lulju 2010 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

**2.** Rat illi b’digriet ta’ l-20 ta’ Settembru 2010 dik il-Qorti, wara li osservat illi d-denunzja kienet giet ipprezentata wara d-data meta dahlu fis-sehh l-emendi fil-Kap. 446 li

permezz taghhom denunzji kellhom jingabu quddiem il-Qorti Kriminali, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tad-denunzja u ordnat li l-atti jintbaghtu ghand ir-Registratur tal-Qorti sabiex jigu assenjati lill-Qorti Kriminali;

**3.** Rat illi d-denunzja ngabet a konjizzjoni ta’ din il-Qorti kif presjeduta fit-23 ta’ Settembru 2010, f’liema data d-denunzja giet appuntata ghas-smiegh ghad-29 ta’ Settembru 2010;

**4.** Rat illi permezz tad-denunzja msemmija l-Qorti giet infurmata mill-ufficjal tal-*probation* li l-imsemmija Amanda Camilleri kienet naqset li zzomm ruhha f’kuntatt ma’ l-Ufficcju u l-Ufficjal tal-*Probation* skond id-direttivi moghtija lilha u inoltre li kienet naqset milli toqghod ghad-direttivi moghtija lilha mill-istess Ufficjal tal-*Probation* sabiex tiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga;

**5.** Semghet id-deposizzjonijiet moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Chantal Avellino u Jean Cali;

**6.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-17 ta’ Marzu 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 269, 271, 278, 279 u 281 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmija Amanda Camilleri hatja tar-reati addebitati lilha, u cioe` talli, flimkien ma’ persuna jew persuni ohra, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(1) bejn Jannar u Frar 2009, minn gewwa residenza li ghadha bla isem u bla numru fi Triq Josef Calleja, Swieqi, ikkommettiet serq ta’ *appliances* u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-lok, u dan ghad-detriment ta’ John Saliba u/jew persuni ohra;

(2) bejn Jannar u Frar 2009, gewwa Rahal il-Gdid, minn gewwa vettura Fiat Tempra bin-numru tar-registrazzjoni EAC-623, ikkommettiet serq ta' zewg *mobile phones* liema serq huwa aggravat bil-valur meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bi-xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta' Mark Anthony Ellul u/jew persuni ohra;

**7.** Rat l-ordni ta' *probation* ta' l-istess data maghmul fil-konfront ta' l-imsemmija Amanda Camilleri u li tikkontjeni s-segwenti kondizzjonijiet:

**"1. Li ghandha ggib ruhha tajjeb u tghaddi hajja ta' bzulija;**

**"2. Li ghandha tgharraf minnufih lill-ufficjal tal-*probation* b'kull tibdil tar-residenza jew xoghol taghha;**

**"3. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li taghtiha minn zmien ghall-iehor l-istess ufficjal tal-*probation*; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-ufficjal tal-*probation* ikun hekk irid, tircievi zjarat ta' l-istess ufficjal tal-*probation* fid-dar taghha;**

**8.** Rat illi l-perijodu ta' *probation* kien ghal sentejn izda wara denunzja li kienet saret quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Mejju 2009, il-perijodu gie estiz ghal perijodu totali ta' tliet snin b'decizjoni ta' dik il-Qorti ta' l-24 ta' Gunju 2010; ikkunsidrat:

**9.** Mill-atti jirrizulta illi l-ewwel denunzja kienet saret peress illi l-*probationer* ma kinitx qed tattendi l-appuntamenti ma' l-ufficjal tal-*probation* u lanqas bdiet programm ta' rijabilitazzjoni. Wara dik id-denunzja hija bdiet dak il-programm u kien hemm progress notevoli fl-

imgieba u l-atteggjament taghha. Il-Qorti tal-Magistrati kienet fil-fatt estendiet il-perijodu ta' *probation* ghal perijodu totali ta' tliet snin sabiex jigi assigurat li hija tittermina l-programm u tibqa' taht sorveljanza anke meta tispicca l-programm. Id-denunzja odjerna saret peress illi l-*probationer* telqet mill-programm u ma zammitx kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation*. Wara li saret din id-denunzja, il-*probationer* ghamlet kuntatt ma' l-agenzija SEDQA izda ma zammitx kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation*. Sussegwentement attendiet appuntament ma' l-ufficjal tal-*probation* u ghamlet kuntatt mal-CARITAS u bdiet tattendi appuntamenti hemm. Wara dan dahlet Dar l-Impenn u l-pjan kien li tmur programm mal-fondazzjoni OASI, Izda hija telqet minn Dar l-Impenn u f'xi zmien dahlet l-Isptar Monte Carmeli bl-iskop li tmur l-OASI minn hemm. Fil-fatt bdiet il-programm residenzjali ma' l-OASI fis-7 ta' Marzu 2011 izda tkecciet fit-18 ta' Marzu 2011. Pero` marret mill-ewwel il-CARITAS. Fit-3 ta' Mejju 2011 l-ufficjal tal-*probation* ipprezentat rapport (anness ma' rikors taghha fejn talbet differiment) li fih qalet li kien qieghed jitfassal pjan ta' kura fuq is-segwenti punti: "li Amanda Camilleri tkompli bil-kuntatt taghha mal-Ufficjal tal-*Probation*, li tkompli bil-kuntatt taghha mal-CARITAS u li jittiehdu *urine tests* regolari, li tigi esplorata s-sitwazzjoni socjali u personali tal-familja Camilleri, partikolarment sabiex Amanda Camilleri ssib aktar stabbilita` fil-hajja taghha u tkun tista' ssir membru aktar produttiv gewwa l-komunita`."

**10.** L-ahhar li Amanda Camilleri kienet dehret quddiem din il-Qorti kien fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011. Sa l-24 ta' Novembru 2013 ma dehret qatt, jew ghax ma nstabitx jew, f'zewg okkazjonijiet, wara li gie prezentat certifikat mediku – wiehed (tas-27 ta' April 2012) li kien jghid li kellha gastro-enterite u kienet seba' xhur tqila, u iehor (tal-5 ta' Dicembru 2012) li kienet qed issofri minn "post-natal depression".

**11.** Is-sentenza li permezz taghha Amanda Camilleri tqieghdet taht *probation* inghatat fis-17 ta' Marzu 2009 u sa Mejju 2011 kienu ghadhom qeghdin isiru tentattivi biex hi ssir "membru aktar produttiv gewwa l-komunita`". Dawn

it-tentattivi jidhru li fallew kollha. Din il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata ta' Amanda Camilleri. Minnha jirrizulta, almenu *prima facie*, li nstabet hatja diversi drabi ghal tlajjar f'post pubbliku ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali fis-segwenti dati: 29 ta' Marzu 2009, 16 ta' April 2009, 19 ta' April 2009, 27 ta' April 2009, 14 ta' Ottubru 2010, 20 ta' April 2011, 29 ta' April 2011, 9 ta' Mejju 2011, 19 ta' Mejju 2011, 13 ta' Gunju 2011, 15 ta' Gunju 2011, 19 ta' Settembru 2011, 25 ta' Awissu 2011, 16 ta' Marzu 2012 u 9 ta' April 2012. Jidher li nstabet hatja wkoll ta' numru ta' reati ta' frodi kommessi f'Awissu 2012, kif ukoll illi fl-1 ta' Awissu 2012 kisret volontarjament il-paci pubblika, hebbet ghal persuna u kkagunatlu offizi ta' natura hafifa. Dan kollu juri kemm Amanda Camilleri ghandha bzonn ta' gwida u ghajnuna biex verament issir "membru produttiv gewwa l-komunita`".

**12.** L-iskop tal-*probation* hu li persuni misjuba ħatja ta' xi reat jew reati jingħataw l-għajnuna meħtieġa minn uffiċjal tal-*probation* kif ukoll minn professjonisti oħra, skond il-ħtieġa. Sfortunatament l-isforzi li saru ma swew ta' xejn u l-*probationer* ma uzufruwietx mill-opportunitajiet li nghatawlha. Konsegwentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda triq oħra ħlief li tapplika r-riguri kollha tal-ligi u tittratta mal-*probationer* mill-ġdid għar-reati hawn fuq imsemmija kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Naturalment irid jigi kkunsidrat ukoll illi l-imsemmija Amanda Camilleri kienet ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha mill-ewwel, u li r-refurtiva tidher li giet rekuperata.

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Amanda Camilleri kisret l-ordni ta' *probation* tas-17 ta' Marzu 2009, tittratta maghha mill-ġdid għall-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija (paragrafu sitta (6)) u, wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(e)(g), 263, 267, 269(g), 271(g), 278, 279(a) u 281 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmija Amanda Camilleri għal priġunerija għal perijodu ta' hdax-il xahar.

**Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin għall-ħtieġa li hemm li l-imsemmija Amanda Camilleri tingħata l-għajnuna kollha meħtieġa biex tagħmel programm ta' kura u rijabilitazzjoni minħabba l-problema tad-droga, kif ukoll li tkompli tingħata l-għajnuna psikjatrika meħtieġa stante li bħalissa tinsab rikoverata l-Isptar Monte Carmeli.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------